TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

MALTA

Avviż Numru CCT 407/10

**Carmen Bonnici**
**vs**
**Home Mate**

Illum 28 ta' Mejju, 2012

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi pprezentati fl-14 ta' Ottubru, 2010 fejn ir-rikorrenti talbet danni ta' ħamsin ewro (€50), rappreżentanti prezz ta' *electric sweeper*, li wara li ntużat sitt darbiet ma baqgħetx taħdem.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba iżda m'attendiex għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija xtrat *electric sweeper* u wara li ntużat sitt darbiet dina kellha l-ħsara.

Is-soċjeta' intimata ssottomettiet bil-miktub illi l-*electric sweeper* ġiet miksura u għalhekk ma kinitx qegħda taħdem.

**It-Tribunal jinnota illi:-**

It-Tribunal jinnota illi l-intimat debitament notifikat kemm bl-avviż tat-talba kif ukoll bid-data u l-ħin tas-smiegħ u msejjaħ tliet darbiet, baqa' ma deherx għas-seduta għalkemm issottometta risposta bil-miktub.

It-Tribunal, wara li sema' lir-rikorrenti, jinoota li l-verżjoni tagħha hija kredibli u aċċettabli.

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jordna lis-soċjeta' intimata tħallas l-ammont ta' erbgħin ewro (€40), bl-ispejjeż kontra l-istess soċjeta' intimata.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888